**MINUTI**

**Laqgha b'Urgenza tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 21**

**Data: 02 ta' Ottubru 2024**

**Hin: 11.30am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

21.1 Applikazzjoni PC0014/25

21.2 Tmiem tal-laqgha.

---

**21.1 Applikazzjoni PC0014/25**

21.1.1 Is-Sindku spjega li din l-laqgha giet imsejha b'urgenza minhabba applikazzjoni mall-Awtorita' tal-Ippjanar bin-numru PC0014/25 li kienet giet prezentata sabiex it-triq fejn il-*bring in sites* diga imdejqa u anke sabiex il-Kunsill jigi aggornata dwar il-mandat li kien sar fuq l-istess triq.

Is-Sindku spjega li l-mandat kien gie milqugh peress li r-residenti kkoncernati kienu ghamlu xoghol fit-triq u peress li l-Kunsill kien qed jahdem sabiex tinfetah it-triq, wara konsultazzjoni mall-Kunsilliera kien sar mandat.

Is-Sindku qal li applikazzjoni simili tal-PC0014/25 kienet saret ohra simili fl-2013 pero' dik id-darba mill-awtorita' tal-artijiet fejn applikaw ghan-nom tar-resident sabeix il-bankina tiddahal fiz-zona ta' zvilupp u tibda taghmel parti r-residenza b'tali li mod li t-triq tigi imdejqa. Huwa qal li l-applikazzjoni issa qeghda issir mil-istess familja. Huwa spjega li precedentament kienet saret petizzjoni u sejha pubblika fejn kienu ingabru ammont ta' firem sabiex it-triq tkun tista' tinfetah.

Huwa zied jghid li fl-2021 kien sar avviz fuq il-midja socjali li t-triq ser tinfetah pero' fl-ahhar minuta l-awtorita' tal-artijiet ircivew ordni biex din ma jifthuiex u kienu saru diskussjonijiet dwar il-*bring-in-sites* u l-Ministeru ghal Ghawdex kien dahal fir-responsabilita' sabiex jiftah din it-triq.

Joseph Mizzi staqsa fejn ser tidjieq it-triq fejn is-Sindku spjega li fejn kien hemm bankina issa saret parapet u giet private u hemm bankina fuq in-naha ta' barra tal-parapett. Il-linja tal-bini hija mall-binja u mhux mall-parapett. Joseph Mizzi staqsa jekk it-triq hux ser tkun karreggata wahda jew tnejn fejn gie spjegat li din ghandha tkun zewg karreggjati pero' jekk din ser tkompli tidjieq mhux ser ikun possibli li tkun. Joseph Mizzi staqsa ukoll jekk hemmx xi hsieb li t-triq tkun one way. Is-Sindku qal li idejalment ghandu jitnehha l-garaxx li huwa mibni illegalment peress li it-triq qeghda two way u dan qed ikun ta' ostaklu. Huwa zied jghid li fl-2018, kien gie dikjarat li l-garaxx mhuwiex rikonoxxut.

Is-Sindku staqsa lil-membri jekk jaqblux jew le li ghandha ssir ogezzjoni sabiex din l-imsemmija triq fejn qeghda issir din l-applikazzjoni tidjieq. Il-Kunsill qabel unanimament li din m'ghandiex tidjieq u ghandu joggezjona ghal dan it-tibdil fil-linja.

Is-Sindku qal li meta saret l-applikazzjoni mall-awtorita' tal-ippjanar precedentament kien hemm qbil li fil-prezent jithallew l-uzu kif inhu prezenti pero' jekk jigi biex 4 jidhol fil-linja tal-bini skond kif suppost. Ghal dan il-Kunsill kien qabel ma' din id-decizjoni. Pero' issa kien qed jitlob li jiehu parti ohra tat-triq. Il-bankina kif kien hemm qbil mall-awtorita' tal-ippjanar ghandha tkun dik sal-balavastri sakemm isir zvilupp. Il-problema tkun biss jekk ir-resident jigbed linja mall-binja tieghu tigi efettwata it-triq.

Is-Sindku staqsa jekk ghandhux il-Kunsill jitlob l-parir tal-pubbliku u jinforma lill-pubbliku li qed jogezzjona peress li dan qed jaffettwa lil kulhadd. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel oggezzjoni u wara jpoggi *post* u petizzjoni online u anke fl-ufficju tal-Kunsill biex min irid jiffirma jista' jigi hawn ukoll.

21.1.2 Is-Sindku informa lill-membri li r-Regjun t'Ghawdex kien qed jiehu inizjattiva' sabiex jigu ezebiti statwi u simili marbuta mall-patruni biex titella' ezebizzjoni gewwa r-rahal. Gew diskussi l-postijiet fejn jistghu jsiru fejn isemmew s-Sala tac-Centru, Sala tal-Banda, Sala tal-Abbatini jew Sala Kapitalari.

Il-Kunsill qabel li ghandu javza lill-Arcipriet biex jaghmel avviz possibilment fuq il-bullettin u ghandha ssir assigurazzjoni peress li jkun hemm materjal prezzjuz. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tintalab lir-Regjun jekk humiex ser jiehdu hsieb l-assikuazzjoni huma u jekk jistax ikun hemm dati ohra ghall-ezebizzjoni.

**21.2 Tmiem tal-laqgha**

21.2.1 Il-Laqgha inemmet f'12.05pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv